A.L. 78 ta' l-1992

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR (KAP. 261)

Ordni ta' l-1992 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 13)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1992 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 13).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artiklu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mit-3 ta' Awissu, 1992.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern Ta' Masrija, limiti Mellieħa:

(a) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 2,549 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana u Punent ma' toroq pubbliċi, u minn Nofs-in-Nhar u Grigal ma' proprjetà tal-Gvern, delineata bl-aħmar u markata A fuq L.D. 359/91;

(b) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 1,115 metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral, Xlokk u Grigal ma' proprjetà tal-Gvern, delineata bl-aħmar u markata B fuq L.D. 359/91.

(2) Flat numru 1, Blokk D, Triq Notabile (Ex Skola Teknika), Mrieħel, Birkirkara (Tenement No. 71723).

(3) Flat numru 2, Blokk C2, Qasam tad-Djar tal-Gvern Ta' Paris, Birkirkara (Tenement No. 67206).

(4) Id-dar bin-numru 111, Triq Ġużè Ellul Mercer, Dingli (Tenement No. 69624).

(5) Flat numru 6, Blokk 8, Granaries Street, Floriana (Tenement No. 67957).

(6) Id-dar bin-numru 29, Triq l-Għabex, Marsa (Tenement No. 71563).

(7) Id-dar bin-numru 138, Triq l-Antinni, Mosta (Tenement No. 71554).

(8) Flat numru 1, Blokk 2, Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu, Għargħur (Tenement No. 69489).

(9) Flat numru 3, Blokk 2, Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu, Għargħur (Tenement No. 69491).

(10) Flat numru 3, Blokk J, Unit Nru. 1 Bini tal-Gvern, Triq it-Tempji Neolitiċi, Paola (Tenement No. 62232).

(11) Flat numru 8, Blokk D, Bieb 2, Għajn Kajjet (Old Slaughter Area), Rabat. (Akkwistat bil-Kuntratt Nru. 90/77 tat-13 ta' April, 1977 fl-atti n-Nutar Alexander Grech).

(12) Flat numru 4, Blokk J, Bieb 1, Għajn Kajjet, Rabat (Tenement No. 69877).

(13) Id-dar bin-numru 49, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Siġġiewi (Tenement No. 70725).

(14) Id-dar bin-numru 2, Triq id-Dalja, Santa Lucija, Malta (Tenement No. 64504).

(15) Flat numru 2, Blokk C, Unit 3, Triq Santa Monika, Tarxien (Tenement No. 62248).

(16) Id-dar bin-numru 74, "Graziella", Qasam tad-Djar tal-Gvern, Żabbar (Akkwistata permezz ta' Kuntratt Nru. 43/77 tas-16 ta' Frar, 1977 fl-atti n-Nutar Alexander Grech) (Tenement No. 67609).

(17) Flat numru 18, Blokk E, Triq il-Ġilju, Żabbar (Tenement No. 69391).

(18) Maisonette bin-numru 11, Bini tal-Gvern, Triq it-Tabib Anton Tabone (qabel Triq Sannat), Rabat (Victoria), Għawdex (Tenement No. 276).